# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 11**

**Rikors numru 790/2016/1GM**

**CaterGroup Limited (C 11654) u b'digriet tat-23 ta' Ottubru, 2018, l-atti ġew assunti minn Vassallo Group Realty Limited (C 52703)**

**v.**

**Baketech Supplies & Services Limited (C 26797)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-kumpanija konvenuta Baketech Supplies & Services Limited, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April, 2019, li biha sabet li l-kumpanija konvenuta kienet tabilħaqq intrabtet mal-kumpanija attriċi li tibdlilha l-magna tat-tqattigħ (*cutting machine*) li kienet oriġinarjament begħetilha, b'oħra

ġdida, b'dan illi l-kumpanija konvenuta kellha titħallas id-differenza fil-prezz. Fuq il-konklużjoni li Baketech Supplies & Services Limited ma żammitx ma' dak il-ftehim, l-Ewwel Qorti ordnat il-ħall tal-istess ftehim u bħala konsegwenza kkundannat lill-kumpanija konvenuta sabiex: (i) trodd lura lill-kumpanija attriċi dawk il-flejjes li kienet tħallset għall-magna tat-tqattigħ oriġinali; (ii) tħallas lill-kumpanija attriċi l-ammont ta' €12,202, bħala danni li rriżultaw minħabba li ma tħarsitx l-obbligazzjoni li tibdel il-magna oriġinali b'magna oħra; kif ukoll, (iii) tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża flimkien ma' dawk taċ-ċedola ta' depożitu li biha l-kumpanija attriċi, iddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti, il-magna li kellha tiġi mibdula b'oħra ġdida.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-9 ta' Settembru, 2016, CaterGroup Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa wkoll bħala «*CGL*») stqarret li fl-20 ta' Diċembru 2010, hija daħlet fi ftehim bil-miktub mal-kumpanija Baketech Supplies & Services Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa wkoll bħala «*Baketech*») għall-bejgħ u l-installazzjoni ta' tagħmir li jintuża fil-kċina, fosthom magna tat-tqattigħ (*cutting machine*).

3. Ġara li din il-magna tat-tqattigħ ma kinitx qiegħda taqdi sewwa l-funzjonijiet li għalihom inxtrat, u wara li CGL ġabet dan kollu għall-għarfien ta' Baketech, CGL tgħid li Baketech intrabtet magħha li tieħu lura

dik il-magna u tibdililha ma' oħra ġdida, sa Frar 2013.

4. Fuq l-ilment li Baketech baqgħet qatt ma wettqet dak li ntrabtet magħha li tagħmel, kif ukoll fuq ix-xilja li dak in-nuqqas wassalha biex ġarrbet id-danni, CGL talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

*«1. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex, f'terminu qasir u perentorju, tikkonsenja lis-soċjetà attriċi cutting machine ġdida in sostituzzjoni ta' dik minnha oriġinarjament konsenjata, in eżekuzzjoni ta' dak li hi obbligat ruħha li twettaq;*

*2. In mankanza ta' ottemporanza, da parti tas-soċjetà konvenuta, mat-talba preċedenti entro t-terminu lilha prefiss, tiddikjara bħala maħlul il-ftehim li bis-saħħa tiegħu s-soċjetà konvenuta obbligat ruħha fil-konfront tas-soċjetà attriċi li tikkonsenjalha cutting machine ġdida in sostituzzjoni ta' dik minnha oriġinarjament konsenjata, u tordna r-rifużjoni tal-prezz imħallas mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta għal cutting machine oriġinarjament konsenjata sabiex b'hekk jiġi ripristinat l-istat quo ante;*

*3. Tiddikjara illi s-soċjetà attriċi sofriet danni konsegwenza tal-fatt, kif premess, illi s-soċjetà konvenuta naqset milli tikkonsenjalha cutting machine ġdida in sostituzzjoni ta' dik minnha oriġinarjament konsenjata;*

*4. Tillikwida tali danni hekk sofferti mis-soċjetà attriċi, occorrendo tramite periti nominandi;*

*5. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi d-danni hekk likwidati in forza tar-raba' domanda;*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk taċ-ċedola ta' depożitu ppreżentata kontestwalment, kontra s-soċjetà konvenuta, bl-imgħax legali sal-effettiv pagament.»*

5. Bi tweġiba maħlufa tal-5 ta' Diċembru, 2016, Baketech laqgħet għal din il-kawża billi qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi b'mod preliminari, il-kumpanija rikorrenti għandha tidentifika l-azzjoni minnha promossa peress illi mhuwiex ċar fuq liema artikolu/i tal-liġi hija msejsa, b'dan li hemm ukoll kunflitt bejn numru ta' premessi u t-talbiet infushom:*

*1.1. L-ewwel tliet premessi tat-talbiet tagħha di fatti jindikaw illi l-qofol tal-kwistjoni hija cake cutting machine mibjugħa u kkonsenjata mill-*

*kumpanija intimata lill-kumpanija rikorrenti ma kinitx tal-kwalità pattwita. L-unika rimedju li seta' kellha l-kumpanija rikorrenti f'dan ir-rigward kien dak taħt l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ċjoè l-għażla jew li tirrifjuta l-cake cutting machine u titlob id-danni jew li taċċetta l-cake cutting machine wara li tingħata rifużjoni ta' parti mill-prezz kif stabbilit mill-Qorti okkorrendo l-ħatra ta' periti nominandi;*

*1.2. Wara numru twil ta' snin tuża din il-cake cutting machine, fl-14 ta' Lulju 2016 il-kumpanija rikorrenti ddepożitat l-istess magna taħt il-kustodja ta' persuna privata u fid-9 ta' Settembru 2016 taħt l-Awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti. Dan l-att waħdu juri illi l-ħsieb tal-kumpanija oriġinarjament kien illi tipproċedi taħt l-Artikolu 1390 tal-Liġijiet ta' Malta, xi ħaġa li però ma baqgħetx possibbli minħabba li tali azzjoni laħqet iddekadiet biż-żmien skont l-Artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*1.3. Jidher li l-azzjoni intavolata mill-kumpanija rikorrenti huwa tentattiv in extremis sabiex tittenta teżerċita rimedju minflok rimedju ieħor li seta' kien talvolta jispetta lilha ai termini tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u li però laħaq iddekada biż-żmien;*

*1.4. Minflok, il-kumpanija rikorrenti għażlet li toqgħod fuq email mibgħuta mill-kumpanija intimata sabiex wara li unilateralment tlibbsu libsa ta' kuntratt, titlob rimedju għall-allegat ksur tal-istess kuntratt! Anke hawn però ma jirriżultax mit-termini tar-rikors maħluf jekk il-kumpanija rikorrenti hijiex qed tibbaża l-azzjoni tagħha fuq l-allegata inadempjenza tal-eċċipjenti li tikkonsenja cake cutting machine diġà mibjugħa (fejn allura japplika l-Artikolu 1385 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) jew inkella fuq l-allegata inadempjenza tal-eċċipjenti li teżegwixxi obligazzjoni taħt ftehim li allegatament daħlet għalih;*

*2. Illi b'mod preliminari ukoll, qabel ma titlob il-kundanna tas-soċjetà intimata abbażi ta' inadempjenza kuntrattwali u/jew ir-rexissjoni tal-istess kuntratt flimkien mar-rifużjoni tal-prezz u l-ħlas tad-danni allegatament subiti, il-kumpanija rikorrenti kellha qabel xejn titlob dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti illi kien hemm kuntratt vinkolanti bejn il-partijiet. Minn issa stess il-kumpanija intimata teċċepixxi illi tali kuntratt qatt ma eżista bejn il-partijiet;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ illi l-azzjoni tal-kumpanija rikorrenti hija bbażata fuq l-Artikolu 1385 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ċjoè fuq l-allegata inadempjenza tal-eċċipjenti li tikkonsenja cake cutting machine diġà mibjugħa, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li la l-email tad-9 ta' Jannar 2013 u lanqas dik tat-8 ta' Lulju 2013 (entrambi mibgħuta mill-kumpanija intimata lir-rikorrenti) ma jikkonstitwixxu ftehim ta' bejgħ ai termini tal-Artikolu 1347 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ illi l-azzjoni tal-kumpanija rikorrenti hija bbażata fuq l-allegata inadempjenza tal-*

*eċċipjenti li teżegwixxi obbligazzjoni taħt ftehim li allegatament daħlet għalih, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-emails tad-9 ta' Jannar 2013 u tat-8 ta' Lulju 2013 (entrambi mibgħuta mill-kumpanija intimata lir-rikorrenti) ma jissoddisfawx ir-rekwiżiti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa ai termini tal-Artikolu 966 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk l-azzjoni tal-kumpanija rikorrenti hija bbażata fuq l-Artikolu 1385 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, it-talba għall-ħall tal-allegat ftehim (kontenuta fit-tieni talba tal-kumpanija rikorrenti) hija dekaduta bit-trapass ta' sentejn mid-data tal-allegat kuntratt, ai termini tal-Artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Illi fi kwalunkwe każ, mingħajr preġudizzju għas-suespost il-kumpanija rikorrenti ma sofriet l-ebda danni, mhux l-anqas għaliex matul il-perjodu li matulu allegatament sofriet xi danni, il-kumpanija intimata kienet mingħajr obbligazzjoni u in buona fede sellfitilha bla ħlas cake cutting machine oħra, liema magna tinsab fil-pussess tal-kumpanija rikorrenti u għadha tintuża minnha sal-ġurnata tal-lum;*

*7. Illi għal kull buon fini l-email li tagħmel riferenza għaliha l-kumpanija rikorrenti fir-raba' premessa tar-rikors maħluf tagħha, ma tinkludix proposta min-naħa tal-kumpanija intimata iżda sempliċement risposta għal proposta magħmula min-naħa tal-kumpanija rikorrenti;*

*8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet tal-kumpanija rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt kif sejjer jiġi ppruvat ampjament matul il-kors tal-kawża, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tagħha».*

6. Vassallo Group Realty Limited tħalliet tkompli l-kawża minflok CaterGroup Limited, b'digriet mogħti mill-Ewwel Qorti fit-23 ta' Ottubru, 2018 u dan minħabba li seħħet amalgamazzjoni tal-kumpaniji.

7. Aktar tard b'sentenza mogħtija fit-30 ta' April, 2019, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża billi kkonkludiet li Baketech kienet tabilħaqq obbligat ruħha ma' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) li tibdlilha l-magna tat-tqattigħ oriġinarjament konsenjata lilha, b'oħra ġdida, b'dan illi kellha titħallas id-differenza fil-prezz. L-Ewwel Qorti xorta waħda però ċaħdet l-

ewwel talba ta' Vassallo Group Realty Limited (qabel CGL), li biha hija kienet qiegħda titlob lil Baketech sabiex tnewwel il-magna l-ġdida flok dik mixtrija oriġinarjament, u minflok laqgħet it-tieni talba ta' Vassallo Group Realty Limited, li biha ħallet il-ftehim dwar ir-rimpjazzament ta' dik il-magna u ordnat lil Baketech biex trodd il-prezz li rċeviet għall-magna ta' tqattigħ oriġinarjament mibjugħa lil Vassallo Group Realty Limited (qabel CGL).

8. B'żieda ma' dan, l-Ewwel Qorti wasslet ukoll għall-konklużjoni li t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet kienu mistħoqqa, u filwaqt li sabet li Vassallo Group Realty Limited ġarrbet dannu fl-ammont ta' €12,202, u dan b'konsegwenza diretta tan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni inkwistjoni, ikkundannat lil Baketech biex tħallas lil Vassallo Group Realty Limited dawk id-danni flimkien mal-imgħaxijiet, u l-ispejjeż kollha tal-kawża. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll lil Baketech sabiex tħallas lil Vassallo Group Realty Limited l-ispejjeż taċ-ċedola ta' depożitu li biha ddepożitat il-magna tat-tqattigħ taħt l-awtorità tal-Qorti.

9. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

> «***Ikkunsidrat:***
>
> ***Il-Fatti***
>
> *Illi l-attriċi hi kumpanija li tipproduċi l-ikel fosthom kejkijiet u ħlewwiet oħra għar-ristoranti u ħwienet tal-kafè fost oħrajn. Fl-20 ta' Diċembru 2010 daħlet fi ftehim mal-kumpanija konvenuta fejn tal-aħħar kellha*

*tforniha b'konsenja sħiħa ta' makkinarju u tagħmir għal kċina industrijali għall-ammont globali ta' €427,111.34. Parti minn din il-konsenja kienet cake cutting machine għall-prezz ta' €30,441.55 inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud (Fol 81 - Il-prezz tal-magna kien ta' €25,797.92, mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud). Din il-magna kellha taqta' l-kejkijiet f'dimensjoni kemm tonda u kemm kwadra sabiex jitħaffef il-proċess ta' manifattura iżda din il-magna qatt ma qdiet il-funzjoni tagħha għaliex minflok tqatta' l-kejkijiet kienet qed timbuttahom 'il barra u titfagħhom mal-art.* ***Ronnie Caruana, il-pastry chef*** *responsabbli mis-sezzjoni li jipproduċu l-kejkijiet u l-ħlewwiet kollha tal-kumpanija attriċi jispjega illi l-mod ta' kif kienet taħdem ix-xafra tal-magna kienet wisq aggressiva u xħin kienet iddur kienet qed timbotta il-kejkijiet 'il barra. Jgħid illi riċerka fuq il-magna ma għamlux u lanqas taw xi tip ta' speċifikazzjonijiet lil Joseph Portelli;*

*Illi l-attriċi kienet ġibdet l-attenzjoni tad-direttur tal-kumpanija konvenuta u ċjoè Joseph Portelli bil-problema tal-magna sa mill-bidu nett. Fil-fatt kien ġie kkuntattjat minn Ronnie Caruana u mill-persuna illi kienet tħaddimha u ċjoè Anthony Mangion. Kemm Caruana u kemm Mangion jispjegaw illi Joseph Portelli għall-bidu pprova jsolvi l-problema billi jirranġa l-programmi li kellha l-magna. Biddel ukoll l-veloċità li biha x-xafra kienet taħdem u saħansitra pprova jpoġġi xi trays mal-magna sabiex il-kejkijiet ma jaqgħux mal-art. Iżda l-problema baqgħet tippersisti. Skont* ***Anthony Mangion*** *(illi eventwalment ma baqax impjegat mal-attriċi u lanqas spiċċa minn magħha fuq termini tajbin), il-magna kellha problemi imma jgħid illi kemm dam jaħdem mal-kumpanija attriċi u ċjoè kważi sena u nofs, kien irnexxielu jqatta' kejkijiet b'din il-magna bl-għajnuna tal-intervent ta' Joseph Portelli u saħansitra ħarreġ lil impjegat ieħor biex iħaddimha hu. Jispjega illi l-unika problema kienu jkunu l-kejkijiet friżati li l-magna assolutament ma kinitx tqattahom;*

*Illi* ***Joseph Portelli*** *jgħid illi qabel ma nxtrat il-magna, kien fissrilhom kif taħdem u x'karatteristiċi għandha u anke pparagunawha ma' magna oħra fis-suq u qablu li din il-magna kienet l-aħjar għalihom. Jispjega illi għalkemm kien talab xi kampjuni ta' kejkijiet lill-attriċi sabiex jippruvawhom fil-magna biex ikunu ċerti mill-għażla tagħhom, dawn baqgħu ma waslu qatt u qatt ma ssemma illi din il-magna kellha tqatta' anke kejkijiet friżati. Din il-magna kienet l-ewwel waħda illi ġab tat-tip tagħha fin-negozju tiegħu;*

*Illi Portelli jammetti li mill-bidu sabu li kien hemm bżonn isir xi tip ta' aġġustament fil-magna imma mbagħad il-kejkijiet bdew jitqattgħu sew. Il-problemi li kien jaf bihom kienu illi «meta jiġu biex jaqtgħu affarijiet iebsin ħafna jew bi krejjem li huma sticky ħafna kien hemm problema li x-xafra tiġbed il-prodott. Issa jien kont spjegajtilhom li dak meta jkollhom prodotti hekk il-magna għandha feature biex tinħasel ix-xafra... u din il-magna għandha din il-feature li ma kinux qed jużaw.» (Fol. 131)*

*Illi meta* ***Ronnie Caruana*** *(il-pastry chef) ġie mistoqsi jekk il-magna ma kinitx taħdem minħabba li x-xafra ma kinitx tiġi mxarrba, irrisponda illi l-*

*problema ma kinitx dik iżda għax ix-xafra kienet taħdem b'tali mod li timbotta l-kejkijiet 'il barra u mhux għax bdiet teħel il-krema magħha. Apparti minn hekk spjega wkoll illi mhux il-kejkijiet iffriżati biss ma kinitx taqta' iżda kwalunkwe kejk li jitpoġġa fil-magna. Fil-fatt pruvaw iqattgħu kejkijiet ta' diversi temperaturi, kemm room temperature, kemm «plus 4, plus 8 u anke plus 20 degrees» u xorta kienet tirrovinahom u titfagħhom mal-art. Spjega illi din il-magna kellu l-interess li jużaha għax tagħmel il-ħajja faċli u li «kieku kienet taħdem ma kellix interess li ngħid lil boss tiegħi f'dak iż-żmien li mhux tajba!» (Fol 233).*

*Illi Joseph Portelli f'Novembru 2012, b'buona volontà tiegħu kien offrilhom magna b'teknoloġija ultrasonic peress illi ma kellhiex limitazzjonijiet fuq it-tip ta' prodott li tista' tqatta, sabiex jippruvawha u jaraw jekk kinitx taqdi aħjar il-funzjonijiet li kellhom bżonn. Din il-magna kienet tqatta' kejkijiet fit-tond biss. L-attriċi kienet sodisfatta b'din it-tip ta' magna u jidher illi wara dan iż-żmien, il-partijiet daħlu fi ftehim verbali fejn skont l-attriċi, Joseph Portelli kellu jġib magna b'teknoloġija ultrasonic għall-esiġenzi tal-attriċi* ***bħala rimpjazzament għall-magna oriġinali****. Din kellha tasal fi Frar. Dan ġie korroborat kemm mix-chef* ***Ronnie Caruana*** *kif ukoll mid-direttur tal-attriċi* ***Chris Vassallo*** *li xehed illi l-magna qatt ma ħadmet u ma setgħux jixtru oħra għax dejjem baqgħu bit-tama illi l-konvenuta se ġġibilhom rimpjazzament. Vassallo jgħid ukoll illi «il-cake cutting machine li ġabilna ma kinitx taqdi l-funzjoni ta' cake cutting machine, u offra li jirriplejsjahilna biex isolvi l-problema»* (fol 265). *Jgħid illi kienu ppjanaw li l-kumpanija «will absorb the cost up to February għax ġejja l-magna f'February»* (fol 67).

*Fil-fatt, permezz ta' ittra elettronika datata* ***8 ta' Jannar 2013****, Kenneth Cutajar għan-nom tas-soċjetà attriċi, kien fakkar lid-direttur tal-konvenuta illi «Cutting machine not functioning as agreed, awaiting replacement with a new one in February» u d-direttur tas-soċjetà konvenuta, l-għada permezz ta' ittra elettronika oħra kkonferma illi «This machine is on schedule». Frar ġie u mar iżda l-attriċi baqgħet ma rċeviet l-ebda rimpjazzament u għalhekk fis-27 ta' Ġunju 2013 infurmat lil konvenuta permezz ta' ittra elettronika oħra illi se jwaqqfu l-pagamenti mensili «enough to cover the cost of the cutting machine and any expenses incurred in the process». Kienu se jerġgħu jibdew iħallsu l-pagamenti ladarba jkunu koprew dawn l-ispejjeż (Email mibgħuta minn Carlo Mifsud rapprezentant tal-attriċi lil Martha Bellizzi rapprezentanta tal-konvenuta a fol 12). Bi tweġiba għal dan, il-konvenuta wieġbet illi jaċċettaw il-proposta tal-attriċi «to remove the price of the cutting machine from the total contract price so that this is considered as being out of contract» (Email mibgħuta minn Martha Bellizzi għal-konvenuta lil Carlo Mifsud għall-attriċi a fol 11), iżda ma qablitx mal-fatt illi jinżammu l-pagamenti mensili biex ikopru l-prezz tal-magna u spejjeż oħra imma l-prezz tal-magna kellu jinqata' mill-aħħar kambjala. Mal-istess ittra elettronika ntbagħat ukoll statement aġġornat li ma kienx jinkludi l-prezz tal-magna in kwistjoni. Ġara illi l-attriċi ma baqgħetx tonora l-ħlasijiet u dan biex tkopri l-ispejjeż tal-magna u spejjeż oħra u għalhekk il-konvenuta pproċediet il-Qorti (fis-sena 2013) kontra l-attriċi sabiex*

*tirrendi eżegwibbli l-kambjali rimanenti. Fis-2016 il-Qorti ddeċidiet illi l-attriċi kellha tħallas l-kambjali kollha rimanenti. Fil-fatt, il-prezz intier tal-konsenja ġie mħallas kollu mill-attriċi permezz tal-kambjali inkluż il-prezz tal-magna mertu ta' dawn il-proċeduri. Għaldaqstant l-attriċi sfat ħallset għal magna illi skontha ma kinitx qed taqdi l-funzjoni li għaliha kienu xtrawha, u għalhekk fetħet dawn il-proċeduri u ddepożitat l-magna inkwistjoni taħt l-awtorità tal-Qorti (Dok MV1 a fol 96).*

*Illi min-naħa l-oħra, Joseph Portelli jisħaq illi t-teknoloġija ultrasonic tiswa ferm aktar u biex ibidlilhom il-magna li kellhom ma' magna ultrasonic kienet tiġi d-doppju tal-prezz u kien talab li jekk din tkun sodisfaċenti jagħmlu laqgħa l-partijiet flimkien «ħalli jaraw kif jistgħu jaslu f'arranġament biex tinbidel il-magna eżistenti li kellhom ma waħda li tagħmel l-istess tip ta' xogħol iġifieri taqta' t-tond u taqta' l-kwadru» (fol 134). Portelli jispjega illi meta fuq l-email l-attriċi tgħid «cutting machine not functioning as agreed» jgħid illi qatt ma qalulu eżattament x'riedu jqattgħu bil-magna u lanqas tawh kampjun biex jagħmlu prova u għalhekk ma kellux spjegazzjoni ta' x'kellhom bżonn. Jgħid illi verament kellu magna ultrasonic ġejja minn barra minn Malta għall-attriċi però riedu jiftehmu jekk hux se joħduha għax kien hemm differenza sostanzjali fil-prezz. U għalhekk meta qalilhom «the machine is on schedule», għalkemm ma elaborax aktar, huwa ried ifisser li min-naħa tiegħu ser iġib magna għall-esiġenzi tagħhom, u l-pass li jmiss kien li jaslu f'arranġament fejn jaraw kemm nefqet l-attriċi, kemm tiswa l-magna l-ġdida u hu kien lest li jasal fi ftehim. Iżda dan qatt ma sar għax kien hemm kollass fil-komunikazzjoni ta' bejniethom meta l-attriċi waqfet tħallas il-kambjali u spiċċaw il-Qorti;*

*Illi* ***Chris Vassallo*** *waqt il-kontroezami tiegħu jgħid illi «Joe Portelli ma bagħtilniex bil-miktub u qalilna – guys ha nġibilkom replacement li tiswa iktar flus. Joe Portelli huwa persuna li joqgħod attent ħafna għall-affarijiet tiegħu. Iġifieri kull meta nsaqsu xi ħaġa l-prezz ikun stabbilit mill-ewwel. Fuq l-ultrasonic machine ma ġiex mill-ewwel jgħidilna – isma' guys intom xtrajtu magna ta' tletin elf, din tiswa ħamsa u tletin elf. Aħna dejjem tkellimna fuq replacement» (fol 264).*

*Illi fatt importanti li ħareġ mix-xhieda ta' Martha Bellizzi, impjegata mal-kumpanija konvenuta, huwa illi meta l-partijiet ma qablux fuq il-pagamenti tal-kambjali, u kellhom jidħlu l-Qorti, «Joe ddeċieda li ma jagħtihomx il-magna li kien qed jipproponilhom.» (Fol. 186) Reġgħet ikkonfermat dan waqt il-kontroeżami tagħha;*

***L-ittra elettronika tad-9 ta' Jannar 2013***

*Illi l-attriċi tissottometti illi l-azzjoni tagħha hija bbażata fuq l-obbligu kuntrattwali assunt mill-konvenuta permezz tal-email datat 9 ta' Jannar 2013 mibgħuta mid-direttur tal-istess soċjetà konvenuta Joseph Portelli abbażi ta' liema email is-soċjetà konvenuta obbligat ruħha illi tforni cake cutting machine ġdida lis-soċjetà esponenti sa Frar tas-sena 2013, liema obbligu kuntrattwali baqa' qatt ma ġie onorat. Illi l-attriċi*

*targumenta illi Joseph Portelli ma kkontestax jew ipprova jispjega fuq l-email illi din kienet se tkun tibdil tal-magna bi ħlas. L-attriċi tgħid illi d-diskors kien dejjem dwar «replacement»;*

*Illi min-naħa l-oħra, Joseph Portelli għall-konvenuta jargumenta illi huwa kien se jġib magna minn barra minn Malta sempliċement biex l-attriċi tara jekk togħġobhiex u jekk fl-affermattiv, l-attriċi kellha tħallas il-bilanċ ta' prezz bejn iż-żewġ magni peress illi dik ultrasonic tqum ħafna aktar minn dik oriġinali;*

*Illi mill-provi akkwiżiti jirriżulta fiż-żgur illi l-partijiet qablu li l-obbligi l-konvenuta kienet marbuta bihom bħala bejjiegħa jiġu sostitwiti b'obbligu ġdid li kien jikkonsisti fil-konsenja ta' magna ġdida minflok dik mibjugħa u kkunsinnata minnha lill-attriċi. Hawn iqum il-kweżit jekk ftehim bħal dan jammontaw għal novazzjoni jew le. Intqal li:*

> *«Hemm novazzjoni oġġettiva meta ssir obbligazzjoni ġdida li tiġi sostitwita għall-oħra pre-eżistenti, u b'hekk tiġi estinta. U b'liġi espressa, in-novazzjoni ma tistax tiġi preżunta, u l-animus novandi għandu jirriżulta b'mod ċar u univoku. In-novazzjoni oġġettiva taċita għandha tirriżulta minn inkompatibilità bejn l-'id quod actum est' u l-esklużjoni tal-volontà li ssir novazzjoni* ***(Kollez. Vol. XXIX.iii.80)*** *u ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tiġix maqtula, imma sempliċement modifikata (****Kollez. Vol.XXXI.i.753****); għaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruħha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni ġdida insostituzzjoni għall-antika, li tiġi mill-partijiet imħassra (****Kollez. Vol. XXXV.ii.607****). Mhux kull modifika, għalhekk, iġġib l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistgħu jżidu jew inaqqsu xi ħaġa mingħajr ma tiġi annullata l-obbligazzjoni, bir-riżultat li tkun ġiet biss modifikata» (****Paul Koludrovich -vs- Carmelo Muscat****, Appell Ċivili, 25.05.1956 (****Kollez. Vol. XL P I p 204****).»*

*Illi kif inhu sewwa magħruf, ftehim ta' bejgħ għandu żewġ elementi essenzjali - l-oġġett u l-prezz. Kjarament, il-qbil li l-oġġett mibjugħ jiġi mibdul b'oġġett ieħor ma jistax ma jikkostitwix ftehim ġdid li joqtol għalkollox l-ewwel ftehim. Hawn għandna obbligazzjoni ġdida, mhux obbligazzjoni mmodifikata. Dan indipendentement minn jekk il-prezz kellux ikun l-istess - għalkemm jirriżulta lill-Qorti li l-prezz tal-magna l-ġdida kellu jkun ogħla billi din kienet taħdem b'sistema iktar sofistikata – u għalhekk anke l-obbligazzjoni l-oħra essenzjali tal-bejgħ (il-prezz) ġiet sostitwita b'obbligazzjoni oħra (prezz ogħla);*

*Illi barra minn hekk, din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet* ***Alfred Borg v. Frank Borda Limited*** *fejn qieset il-fatt li l-bejjiegħ qabel li jbiddel pannelli minnu mibjugħa bħala minnha nfisha obbligazzjoni ġdida (Nru. 18/2015 Deċiża mill-Onor Imħallef Anthony Ellul fid-19.05.2017)*

*Illi l-konvenuta ssottomettiet li l-iskambju ta' ittri elettroniċi ma jikkostitwixxix kuntratt billi:*

*(i) m'għandux il-formalitajiet meħtieġa. Din il-Qorti ma taqbilx. Il-ftehim inkwistjoni ma jirrikjedix att pubbliku jew skrittura privata (Art. 1233 Kodiċi Ċivili) u jista' jsir saħansitra verbalment. Fih l-elementi kollha ta' partijiet kapaċi jikkuntrattaw, il-kunsens, ħaġa determinata li hemm ftehim fuqha, u kawża leċita (Art. 966 Kodiċi Ċivili). Barra minn hekk, skont Art. 9 tal-Kap 426:*

> *«(1) Kuntratt elettroniku ma għandux jiċċaħħad milli jkollu effett, validità jew infurzar legali unikament minħabba f'li jkun għalkollox jew f'parti minnu f'forma elettronika jew li jkun sar għalkollox jew f'parti minnu permezz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew xort'oħra».;*
>
> *«(2) Għall-fini ta' kull liġi dwar il-kuntratti, offerta, aċċettazzjoni ta' offerta u kull komunikazzjoni relatata, inklużi kull emenda, tħassir jew revoka sussegwenti tal-offerta, tal-aċċettazzjoni jew tal-kuntratt jistgħu, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort'oħra mill-partijiet fil-kuntratt, jiġu kkumnikati permezz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi».*

*Illi apparti dan, l-iskambju elettroniku kien biss konferma ta' ftehim verbali preċedenti.*

*(ii) m'hemmx unità ta' kunsens bejn il-partijiet. Ma kienx hemm causa obligationis. L-oġġett ma kienx determinat. Lanqas hawn ma tista' taqbel il-Qorti. Bir-rispett kollu dawn huma kollha kavillazzjonijiet legali. Il-causa obligationis kienet is-sostituzzjoni tal-obbligazzjoni oriġinali tal-bejjiegħ; il-qbil kien dwar kunsinna ta' magna li taqta' l-kejkijiet b'mod awtomatiku u bla tqanżiħ;*

*Illi b'danakollu l-Qorti, kif diġà aċċennat iktar 'il fuq, lanqas ma taqbel mal-attriċi li l-kelma replacement mingħajr riżerva tfisser li l-konvenuta obbligat ruħha li tikkunsinnalha magna li tiswa ħafna iktar minn dik oriġinali mingħajr obbligu li titħallas id-differenza fil-prezz. Veru li fl-emails m'hemmx riżerva bħal din iżda kif diġà ngħad dawn l-emails iridu jiġu interpretati fil-kuntest tan-negozjati u tal-ftehim verbali preċedenti. Għal din ir-raġuni mhux prattikabbli li l-Qorti tilqa' l-ewwel talba;*

***Danni***

*Illi meta l-magna inkwistjoni ma qdietx il-funzjoni tagħha u l-konvenuta baqgħet ma pprovdietx magna ġdida in sostituzzjoni tagħha, il-produzzjoni riedet tibqa' għaddejja u għalhekk ix-xogħol kellu jsir b'mod manwali. Dan kien ifisser aktar ħin u spejjeż għall-kumpanija attriċi;*

*Illi l-attriċi għamlet eżerċizzju fejn żammet il-ħin ta' kemm idum persuna biex jaqta' l-kejkijiet u ħarġet b'medja ta' tliet minuti u nofs għal kull kejk. Inħareġ l-ammont ta' kejkijiet li pproduċiet il-kumpanija minn meta bdiet topera u ċjoè mis-sena 2011 sas-sena 2016. Il-figuri li abbażi tagħhom ġie likwidat it-telf soffert mill-attriċi huma figuri preċiżi li nġiebu mis-sistema interna tal-kumpanija. Il-financial controller tal-attriċi spjega illi kull meta tinbiegħ kejk, tinħareġ fattura u din il-fattura tgħaddi minn ġos-*

*sistema interna; b'hekk setgħu faċilment jinħarġu l-figuri eżatti ta' kemm ipproduċiet kejkijiet il-kumpanija attriċi. Dan kollu ġie muri f'dokument b'konteġġi ta' kif is-soċjetà wasslet għas-somma ta' €69,045.03 (Dok. CG a fol 37) rappreżentanti danni sofferti minnha. Dan l-ammont inħadem abbażi tas-salarju ta' persuna illi taħdem mas-soċjetà attriċi li xogħolha kien li taqta' l-kejkijiet;*

*Illi **Anthony Mangion** bħala bniedem tal-esperjenza fil-qasam tal-ħlewwiet, waqt ix-xhieda tiegħu jgħid illi l-magna kienet tieħu madwar minuta u nofs biex tqatta' kejk mentri bl-idejn trid persuna teknika għax irid ikun hemm ċertu preċizjoni biex tqatta' d-diviżjonijiet l-istess. Ikompli jgħid li xi ħadd li jkollu l-istħarriġ u l-għodda meħtieġa biex jaqta' l-kejkijiet bl-idejn irid minuta u nofs jew żewġ minuti. Persuna mhux imħarrġa jirrikjedi ħames minuti. Dawn il-figuri jikkombaċaw mal-medja maħruġa mill-kumpanija attriċi fl-eżerċizzju tagħha;*

*Illi **Ronnie Caruana** (il-pastry chef) xehed li «l-business kien maqsum tliet kwarti tond u give and take kwart mhux tond.» (fol 240). Barra minn hekk, Joseph Portelli għall-konvenuta jgħid illi ħafna mill-kejkijiet indikati fil-lista prodotta mill-attriċi huma ta' dimensjoni tonda u għalhekk faċilment setgħu jużaw il-magna li kien sellifhom biex jaqtgħuhom. Iżda Ronnie Caruana xehed li din il-magna ma baqgħetx tiffunzjona u għalhekk ma setgħux jaħdmu biha. Għalkemm kienu ikkuntattjaw lil Portelli biex jirranġaha, dak iż-żmien ir-relazzjoni tagħhom ma kinitx tajba għax kien hemm diżgwid bejn il-partijiet in konnessjoni mal-ħlas tal-kambjali u allura sakemm sabu persuna illi tista' tirranġa din it-tip ta' magna għadda ftit żmien mhux ħażin u għalhekk l-attriċi targumenta illi ma setgħetx tuża din il-magna. Mill-atti tal-kawża ma rriżultax kemm damet bil-ħsara din il-magna. Il-kumpanija attriċi kienet qabbdet lil ċertu Lawrence Dalmas sabiex isewwi l-ħsara fuq il-magna **f'Jannar 2017** (Dok JP2 a fol 125) u ċjoè kważi wara ħames snin illi ġiet mislufa lilhom;*

*Illi l-magna illi ġiet mislufa lil attriċi wasslet f'28 ta' Novembru 2012 (Dok JPX a fol 123), u peress illi l-kumpanija attriċi naqset milli tipprova meta eżattament waqfet taħdem din il-magna u lanqas kemm persentaġġ ta' kejkijiet prodotti huma ta' dimensjoni kwadra jew tonda, il-Qorti sejra tieħu biss is-sena 2011 u 2012 in konsiderazzjoni għad-danni subiti mill-attriċi;*

*Illi t-total ta' kejkijiet prodotti fis-snin 2011 u 2012 mill-kumpanija attriċi li kellhom bżonn tqattigħ kien ta' 36,957 kejk. L-impjegat ingaġġat mill-attriċi sabiex iqatta' manwalment dawn il-kejkijiet kien jitħallas bir-rata ta' €5.66 fis-siegħa u kien jieħu medja ta' 3.5 minuti (skont l-eżerċizzju li għamlet il-kumpanija attriċi) biex iqatta' kejk waħda. Għaldaqstant l-kumpanija attriċi ippruvat biss li nkorriet spejjeż ta' **€12,202**.»*

10. Baketech Supplies & Services Limited appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-20 ta' Mejju, 2019, u hemmhekk hija talbet lil din il-

Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza appellata għalkollox u tiċħad it-talbiet kollha ta' Vassallo Group Realty Limited, bl-ispejjeż.

11. Bi tweġiba mressqa fil-11 ta' Ġunju, 2019, Vassallo Group Realty Limited tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell ta' Baketech għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż.

12. Inżamm smigħ fil-11 ta' April, 2024, li għalih dehru l-avukati tal-partijiet u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. B'dan l-appell Baketech qiegħda tfittex it-tħassir tas-sentenza appellata fuq is-saħħa ta' erba' aggravji.

14. Fil-qosor ħafna, l-aggravji ta' Baketech huma dwar: (i) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li hija ntrabtet ma' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) li kienet sejra tbidlilha l-magna li taqta' l-kejkijiet ma' oħra ġdida; (ii) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex min-naħa 'l waħda tikkonkludi li hija daħlet f'xi ftehim ta' bejgħ ma' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) dwar magna ġdida, u fl-istess waqt ma tilqax l-eċċezzjoni tagħha li l-azzjoni ta' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) waqgħet bi żmien ta' sentejn kif imsemmi fl-**Artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili**; (iii) li ċ-

ċaħda tal-ewwel talba ta' Vassallo Group Realty Limited kellha twassal lill-Ewwel Qorti għaċ-ċaħda tat-tieni talba, li fi kliem Baketech hija konsegwenzjali għal dik tal-ewwel; u (iv) li f'kull każ, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkundannaha sabiex trodd lura lil Vassallo Group Realty Limited il-flejjes li CGL kienet irċeviet bħala ħlas għall-bejgħ tal-magna tat-tqattigħ.

15. Minħabba x-xorta ta' aggravji li qegħdin jitressqu, il-Qorti sejra tkun qiegħda titlaq billi qabel xejn tistħarreġ **it-tieni aggravju**, li fih Baketech qiegħda tilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-ftehim il-ġdid li twieled min-novazzjoni kien wieħed ta' bejgħ, fl-istess waqt dik il-Qorti naqset milli tqis li l-azzjoni ta' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) waqgħet bi żmien ta' sentejn u dan bi tħaddim tal-**Artikoli 1385** u **1407(1) tal-Kodiċi Ċivili**.

16. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq.

17. Kif qiegħda tgħid sewwa Vassallo Group Realty Limited, imkien fis-sentenza appellata ma jingħad li l-ftehim li seta' kien hemm dwar il-konsenja ta' magna ġdida kien wieħed ta' bejgħ u xiri.

18. Anzi, minn qari tal-konsiderazzjonijiet li tniżżlu fis-sentenza appellata flimkien mal-parti dispożittiva ta' dik l-istess sentenza, jirriżulta

proprju bil-maqlub, u sewwasew li l-Ewwel Qorti kienet qiegħda teskludi b'mod impliċitu li l-ftehim inkwistjoni seta' kien wieħed ta' bejgħ u xiri.

19. Tassew, fil-parti tal-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qieset li, *«kif inhu sewwa magħruf, ftehim ta' bejgħ għandu żewġ elementi essenzjali - l-oġġett u l-prezz».* Ftit aktar 'l isfel, l-Ewwel Qorti mbagħad tat x'tifhem li għaliha l-partijiet kien għadhom ma ftehmux dwar kemm kellu jkun il-prezz tal-magna l-ġdida, u minn dan biss Baketech kellha dlonk tintebah li l-Ewwel Qorti kienet qiegħda teskludi li l-ftehim li seta' kien hemm dwar il-konsenja ta' magna ġdida kien wieħed ta' bejgħ.

20. Jekk dan ma kienx biżżejjed, fl-ewwel kap tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti kompliet tagħti aktar ħjiel li x-xorta ta' ftehim li dehrilha li kien hemm bejn il-partijiet dwar il-konsenja ta' magna ġdida ma kienx wieħed ta' bejgħ iżda dak ta' *«sostituzzjoni»,* fis-sens li l-magna oriġinarjament mibjugħa lil CGL (illum Vassallo Group Realty Limited), kellha tiġi mibdula b'oħra ġdida, b'dan illi kellha ssir ekwiparazzjoni billi titħallas id-differenza fil-prezz.

21. Fis-sewwa, hemm baħar x'jaqsam bejn ftehim ġdid ta' bejgħ, u ftehim dwar il-bidla ta' oġġett diġà mibjugħ, u għalhekk Baketech qiegħda tgħid ħażin li l-Ewwel Qorti kkonkudiet li *«l-obbligazzjoni ġdida naxxenti*

*min-novazzjoni kienet waħda ta' bejgħ.»*

22. Naturalment, dan iġib miegħu l-konsegwenza li Baketech lanqas ma tista' tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha b'xi mod jew ieħor tilqa' l-eċċezzjoni tagħha li Vassallo Group Realty Limited tilfet il-jedd li tfittixha għall-kunsinna tal-magna l-ġdida jew li titlob il-ħall ta' dak il-ftehim għaliex ma fetħitx il-kawża fi żmien sentejn skont ma hemm imniżżel fl **Artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili**.

23. Iż-żmien ta' sentejn fl-**Artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili**, seta' jsib applikazzjoni biss, f'każ li CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) sejset l-azzjoni tagħha fuq l-**Artikolu 1385 tal-Kodiċi Ċivili**, li jagħti l-jedd lix-xerrej li jitlob jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mixtrija minnu, jew inkella l-ħall tal-kuntratt, f'każ li l-bejjiegħ jonqos milli jwettaq il-kunsinna.

24. Fil-fehma tal-Qorti, kemm mill-premessi kif ukoll mit-talbiet tar-rikors maħluf joħroġ biċ-ċar li b'din l-azzjoni, CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) mhijiex qiegħda tfittex li tikseb xi rimedju speċifiku taħt il-liġi tal-bejgħ. Minflok, b'din l-azzjoni hija qiegħda tfittex it-twettiq ta' obbligazzjoni ġdida li skontha tikkonsisti fir-rimpjazzar ta' magna tat-tqattigħ tal-kejkijiet li kienet xtrat mingħand Baketech, b'oħra ġdida.

25. Fis-sempliċità tagħha, l-azzjoni ta' CGL (illum Vassallo Group

Realty Limited) hija għalhekk għall-eżekuzzjoni ta' 'ftehim ġdid', u fin-nuqqas għall-ħall tiegħu, kif ukoll għad-danni li hija qiegħda tallega li ġarrbet b'konsegwenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' dak il-ftehim.

26. Jissokta billi jingħad li ġaladarba CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) sejset l-azzjoni tagħha fuq dak li qiegħda tqis bħala «*ftehim ġdid*», l-eċċezzjoni ta' dekadenza ta' Baketech ma setgħetx tintlaqa', anke għaliex kif ingħad fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Peter Sammut v. Sullivan Maritime Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014, meta l-aġir tad-debitur tal-obbligazzjoni oriġinali joħloq dritt ġdid, allura l-kreditur tal-obbligazzjoni l-ġdida jkun jista' jaġixxi anke wara t-terminu prefiss mil-liġi għall-obbligazzjoni l-antika.

27. Issa jekk Baketech obbligatx ruħha b'tali mod li ħolqot dak il-«*jedd ġdid*» li dwaru CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) ressqet din il-kawża, hija però kwistjoni oħra li għad irridu naraw aħna u nistħarrġu l-ewwel aggravju ta' Baketech.

28. Li hu żgur s'issa huwa biss: (i) li l-azzjoni ta' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) ma ġietx imsejsa fuq xi wieħed mir-rimedji li huma mogħtija lix-xerrej taħt il-liġi tal-bejgħ; u (ii) li l-Ewwel Qorti ma kklassifikatx il-ftehim li seta' kien hemm bejn CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) u Baketech bħala wieħed ta' bejgħ.

29. Dan kollu jwassal għall-konsegwenza li t-termini ta' dekadenza kif misjuba fil-liġi tal-bejgħ mhumiex applikabbli għal dan il-każ, u konsegwentement, tħares minn fejn tħares, it-tieni aggravju ta' Baketech ma jirriżultax li huwa mistħoqq u għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

30. Ngħaddu issa għall-**ewwel aggravju** ta' Baketech, li fih qiegħda tikkontesta l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn jingħad li hija ntrabtet ma' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited), li tibdlilha l-magna oriġinali li hija kienet begħetilha, b'oħra ġdida.

31. Baketech tiftaħ dan l-aggravju billi tosserva li l-skont l-Ewwel Qorti, l-obbligazzjoni inkwistjoni twieldet minn ftehim verbali li kien diġà ntlaħaq bejn il-partijiet qabel ma ntbagħtu l-*emails* tat-8 u 9 ta' Jannar, 2013. Tisħaq li din il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex tajba u tinsisti li minn imkien mill-atti ma jirriżulta li l-partijiet kienu kkonkludew xi ftehim verbali bħalma semmiet l-Ewwel Qorti. Fl-ispeċifiku, Baketech tirreferi għax-xhieda ta' Ronnie Caruana u ta' Chris Vassallo u tikkontesta li x-xhieda ta' dawn tikkorrobora b'xi mod jew ieħor l-eżistenza tal-ftehim verbali li rreferiet għalih l-Ewwel Qorti.

32. Tissokta billi targumenta li CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) sejset il-kawża tagħha fuq il-premessa li l-ftehim inkwistjoni ntlaħaq permezz ta' *email* tad-9 ta' Jannar, 2013, u żżid li dan joħroġ ukoll

mill-mod ta' kif xehed id-direttur ta' dik il-kumpanija stess. Fid-dawl ta' dan, Baketech targumenta li l-eżerċizzju li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti kellu jikkonsisti fi stħarriġ dwar jekk dik il-korrispondenza b'*email* waslitx f'rabta kuntrattwali skont il-liġi. Tilmenta li l-Ewwel Qorti m'għamlet xejn minn dan u li saħansitra qieset l-argumenti tagħha fir-rigward bħala *«kavillazzjonijiet legali.»*

33. F'dan l-isfond, Baketech targumenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti l-importanza meħtieġa lejn dawk l-elementi li huma meħtieġa għall-konklużjoni ta' ftehim, fosthom l-elementi tal-kunsens, tal-oġġett u tal-*causa obligationis.* Targumenta li l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta qieset li, *«il-causa obligationis kienet is-sostituzzjoni tal-obbligazzjoni oriġinali tal-bejjiegħ»,* u tfisser ukoll kif u għalfejn l-elementi tal-oġġett kif ukoll tal-kunsens huma nieqsa.

34. Għal Baketech il-korrispondenza ta' bejn it-8 u d-9 ta' Jannar, 2013 ma setgħetx għalhekk titqies bħala rabta kuntrattwali, u fid-dawl ta' dan kollu tikkonkludi li l-azzjoni ta' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) hija tentattiv estrem biex iddur madwar il-fatt li hija naqset milli tirrikorri għar-rimedji mogħtija lilha bil-liġi tal-bejgħ, fi żmien mogħti lilha bil-liġi.

35. Fuq ix-xaqliba l-oħra Vassallo Group Realty Limited targumenta li l-eżistenza tal-ftehim verbali dwar ir-rimpjazzament jirriżulta saħansitra

ppruvat anke mad-daqqa t'għajn mill-korrispondenza li ntbagħtet bejn il-partijiet fit-8 u d-9 ta' Jannar, 2013. Targumenta li l-unika ipoteżi li tispjega għalfejn ir-rappreżentant tagħha kiteb *«awaiting replacement with a new one in February»,* hija li l-partijiet kienu diġà laħqu ftehim li fi Frar il-magna tat-tqattigħ kellha tiġi rimpjazzata b'oħra ġdida. Tgħid li tali ipoteżi hija mbagħad aktar imsaħħa bil-fatt li fi tweġiba għal dik l-*email*, ir-rappreżentant ta' Baketech, ma ċaħadx li kien hemm ftehim bħal dak, anzi kitbilha lura li *«[t]his machine is on schedule».*

36. Sfiq ma' dan, Vassallo Group Realty Limited tgħid li l-ftehim verbali ġie fl-aħħar mill-aħħar ippruvat bix-xhieda tad-direttur ta' CGL, Chris Vassallo, u fid-dawl ta' dan tisħaq li Baketech ma tistax targumenta b'suċċess li dak il-ftehim verbali ma ġiex ippruvat.

37. Vassallo Group Realty Limited tissokta mbagħad billi tmeri li l-elementi tal-ftehim, l-oġġett u l-*causa obligationis* huma nieqsa. Fl-ispeċifiku, dwar ir-rekwiżit tal-kunsens, Vassallo Group Realty Limited targumenta li l-*email* ta' Joseph Portelli tad-9 ta' Jannar, 2013 hija l-aqwa xhieda tal-kunsens li kien intlaħaq bejn il-partijiet. Fid-dawl ta' dan, hija tirreferi għall-**Artikolu 112 tal-Kodiċi tal-Kummerċ** u targumenta li minkejja li Baketech kellha l-jedd li tissoġġetta l-aċċettazzjoni tagħha għal xi kundizzjonijiet, din m'għamlet xejn minn dan, anzi wieġbet lura mingħajr riżervi ta' xejn.

38. Sa fejn imbagħad għandhom x'jaqsmu l-elementi tal-oġġett u tal-*causa obligationis*, Vassallo Group Realty Limited tirreferi mbagħad għax-xhieda ta' Martha Bellizzi, u tfakkar li waqt li kienet qiegħda tiġi kontroeżaminata, din ikkonfermat kif il-magna l-ġdida kienet tabilħaqq ġiet ordnata minn Baketech u saħansitra kienet waslet għandha. Dwar il-*causa obligationis* iżżid li, *«r-raġuni għalfejn is-soċjetà appellanti għażlet illi tassumi obbligazzjoni ġdida kienet sabiex ma tkunx obbligata tirrifondi lis-soċjetà esponenti l-valur tal-cake cutting machine oriġinarjament konsenjat.»*

39. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-aggravju ta' Baketech huwa mistħoqq.

40. Jibda billi jingħad li sabiex isseħħ konvenzjoni jew ftehim fil-liġi jeħtieġ li jkun hemm l-*idem placitum consensus*, jew fi kliem aktar sempliċi, l-għaqda fir-rieda tal-partijiet. Dan huwa wieħed mill-elementi meħtieġa sabiex legalment iseħħ kuntratt jew ftehim bejn il-partijiet, u mingħajru wieħed ma jistax jitkellem dwar xi rabta kuntrattwali (ara ***Salvu Spiteri et v. Grazia sive Ċetta xebba Grima*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-18 ta' Lulju, 2014).

41. Billi ma jistax ikun hemm rabta kuntrattwali fin-nuqqas tal-element tal-kunsens, kull min jallega l-eżistenza ta' xi ftehim, għandu qabel xejn,

iġib prova tal-kunsens li l-partijiet allegatament involuti fit-tali ftehim, suppost ikunu laħqu. Fil-każ tal-lum kien jaqa' għalhekk fuq spallejn Vassallo Group Realty Limited li tressaq prova tal-ftehim li qiegħda tallega li CGL laħqet ma' Baketech.

42. Ta' min jgħid hawnhekk, li sakemm il-liġi ma timponix il-formalità tal-kitba, il-kunsens mhux bilfors għandu jirriżulta minn xi att bil-miktub. Madankollu, meta l-kunsens allegat ma jkunx jirriżulta minn xi att bil-miktub, dak il-kunsens għandu jiġi ppruvat bi provi b'saħħithom u mhux b'sempliċi allegazzjonijiet jew inkella konġetturi (ara ***Maurice Caruana v. Mary Carmela sive Lina Frendo et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-14 ta' Ottubru, 2004). Dan jgħodd aktar u aktar f'dawk il-każijiet bħal dan tal-lum, fejn il-kontroparti tkun qiegħda tiċħad l-eżistenza nfisha tar-rabta kuntrattwali.

43. Jissokta billi jingħad li meta r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet tkun nibtet minn xi ftehim bil-miktub, u l-pretensjoni tal-parti attriċi tkun imsejsa fuq xi allegazzjoni li l-partijiet ikunu qablu bil-fomm li jibdlu dak li jkunu oriġinarjament ftehmu dwaru bil-miktub, dan jitlob prova b'saħħitha biżżejjed biex turi li tabilħaqq sar hekk. Barra minn hekk, fejn il-partijiet ikunu qablu li ftehim li jsir bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, huwa meqjus li huma riedu li l-kitba tiddetermina s-siwi tiegħu. Fil-qasam kummerċjali, din il-preżunzjoni hija *iuris et de iure* (i.e. tal-liġi u tad-dritt) li

ma tistax titwaqqa' b'xhieda bil-fomm (ara f'dan is-sens ***T&L Holdings Limited v. Francis Busuttil et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2013).

44. Wieħed għandu wkoll iżomm f'moħħu li biex ikun hemm l-għaqda fir-rieda tal-partijiet, sew il-proposta, kif ukoll l-aċċettazzjoni għandhom ikunu preċiżi, determinati u kompleti (ara ***Falcon 2000 Limited v. Dr. Vincent Galea noe et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-24 ta' Ġunju, 2011).

45. Fuq kollox, l-aċċettazzjoni għandha tkun ukoll f'konformità sħiħa mal-proposta, għaliex kif ingħad sewwa fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Brands International Limited v. Brigette Gauci Borda School of Ballet Ltd*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-13 ta' Frar, 2009: «*jekk l-aċċettazzjoni ma tkunx konformi għall-proposta fis-sustanza tagħha, jew bejn il-proposta u l-aċċettazzjoni tirriżulta diformita objettiva, ma jkunx jista' jingħad li l-kuntratt hu perfett.*»

46. Ta' min jgħid li dan il-prinċipju tal-aħħar huwa fl-aħħar mill-aħħar rifless fl-**Artikolu 112 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**, li fih insibu li jekk l-aċċettazzjoni ma tkunx konformi mal-proposta, dik l-aċċettazzjoni «*tgħodd bħala rifjut tal-proposta oriġinali u bħala proposta ġdida.*»

47. B'dan kollu f'moħħha, il-Qorti jidhrilha li Baketech qiegħda tgħid sewwa, li fiha nfisha, il-korrispondenza ta' bejn it-8 u d-9 ta' Jannar, 2013 (ara Dok B f'paġna 8 tal-atti tal-kawża), ma tistax titqies li wasslet għall-konklużjoni tal-allegat ftehim li dwaru hija din il-kawża.

48. Fis-sewwa, dak li nkiteb fl-*email* tad-9 ta' Jannar, 2013 u li jista' jkun ta' rilevanza għal din il-kawża, huwa biss li *«this machine is on schedule»* — li jfisser li l-magna l-ġdida kienet mistennija li tasal lil Baketech fiż-żmien skedat u xejn aktar.

49. Imbilli Baketech ikkonfermat li l-magna kellha taslilha fiż-żmien mistenni, b'daqshekk ma jfissirx li hija kienet qiegħda taċċetta li tagħti lil CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) dik il-magna, jew aħjar tibdlilha ma' dik li kienet xtrat mingħandha qabel. Tassew, tweġiba bħal dik li tniżżlet minn Joseph Portelli (ir-rappreżentant ta' Baketech) fl-*email* tad-9 ta' Jannar 2013, ma tistax titqies li tikkonsisti f'xi dikjarazzjoni ċara jew preċiża min-naħa ta' Baketech li hija kienet qiegħda tintrabat ma' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) bil-mod ta' kif qiegħed jiġi allegat f'din il-kawża.

50. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-korrispondenza ta' bejn it-8 u d-9 ta' Jannar 2013, lanqas ma tista' titqies bħala prova b'saħħitha biżżejjed tal-fatt allegat minn Vassallo Group Realty Limited u sewwasew li sa dak iż-

żmien, il-partijiet kienu diġà waslu għal xi ftehim verbali li kien finali u definittiv dwar il-bdil tal-magna ta' tqattigħ, li kienet qiegħda tilmenta dwarha, b'oħra ġdida.

51. Kif wara kollox qalet sewwa l-Ewwel Qorti (ara l-aħħar paragrafu f'paġna 15 tas-sentenza appellata), il-kontenut tat-tweġiba min-naħa tar-rappreżentant ta' Baketech fl-*email* tad-9 ta' Jannar 2013, ma jistax jiġi moqri 'l barra mill-kuntest tan-negozjati li jirriżulta kien hemm bejn il-partijiet qabel ma ntbagħtet dik il-korrispondenza.

52. Dwar dan, il-Qorti rat li għalkemm Joseph Portelli stqarr li huwa kien tabilħaqq offra lil CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) sabiex jibdlilha l-magna tat-tqattigħ li kienet qiegħda tilmenta dwarha ma' oħra li taħdem b'teknoloġija differenti, fl-istess waqt, kemm fl-eżami kif ukoll fil-kontroeżami huwa fisser li l-proposta min-naħa tiegħu kienet għadha ma ġietx issiġillata fi ftehim konklussiv għaliex: (i) CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) kellha qabel xejn tara jekk kinitx sejra ssib sewwa dik il-magna li sellfilha bi prova u li kienet taħdem bl-istess teknoloġija bħal dik li kienet ġejja minn barra; u (ii) f'każ li CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) kienet sejra ssib sewwa dik il-magna msellfa, il-pass li jmiss kien sejjer ikun, *«li naslu f'arranġament li ngħidu isma' huma nefqu tant, din tiswa tant, jiena nagħmel sagrifiċċju speċi biex naġevolahom u naslu fi ftehim u jsir il-consignment u x'naf jien»* (ara x-xhieda ta' Joseph Portelli

f'paġni 132, 134, 136 u 137 tal-atti tal-kawża, kif ukoll il-kontroeżami tal-istess xhud f'paġna 143 tal-atti tal-kawża).

53. L-istess xhud ta' Baketech issokta billi jfisser li r-raġuni ewlenija wara dan l-eżerċizzju tal-aħħar kienet proprju għaliex il-magna li kienet ġejja minn barra, li taħdem bit-teknoloġija tal-*ultrasonic*, kienet tqum ħafna aktar flus minn dik li oriġinarjament ġiet mixtrija minn CGL (illum Vassallo Group Realty Limited). Kemm hu hekk, Portelli fisser li l-magna mixtrija kienet tiswa madwar ħamsa u għoxrin elf ewro, filwaqt li l-oħra li kienet ġejja minn barra kienet tiswa tmienja u sittin elf ewro (ara x-xhieda ta' Joseph Portelli f'paġna 136 tal-atti tal-kawża).

54. Joseph Portelli żied jgħid li dan l-eżerċizzju tal-aħħar, baqa' però qatt ma sar, u dan għaliex ftit taż-żmien wara li huwa kien sellifhom il-magna li kellha tintuża bħala prova, ir-relazzjoni kummerċjali ta' bejn CGL u Baketech tkissret għalkollox, u għalhekk il-ftehim dwar il-magna l-ġdida baqa' qatt ma ġie konkluż (ara x-xhieda ta' Joseph Portelli f'paġna 137 tal-atti tal-kawża).

55. Fil-fehma tal-Qorti din ix-xhieda ta' Portelli li mhux biss hija konsistenti, iżda wkoll verosimili, għaliex huwa bil-wisq improbabbli li negozjant sejjer xi darba jaċċetta li jieħu lura magna użata, u jbiddilha ma' oħra ġdida fjamanta, li tiswa kważi tliet darbiet aktar minn dik li tkun diġà

ġiet użata, bla ma jiġi kkumpensat għad-differenza fil-valur, ma ġietx kontradetta bi provi b'saħħithom biżżejjed min-naħa ta' Vassallo Group Realty Limited.

56. Għalkemm huwa kollu minnu li kemm Ronnie Caruana, kif ukoll Chris Vassallo xehdu li CGL kienet daħlet fi ftehim ma' Baketech dwar ir-rimpjazzament tal-magna tat-tqattigħ, li kienet qiegħda tagħtihom il-problemi b'oħra ġdida, fl-istess nifs, dawn iż-żewġ xhieda stqarrew li l-persuna li kien jikkomunika direttament ma' Joseph Portelli ma kinux huma, iżda kien ċertu Kenneth Cutajar, li fost irwoli oħra kien jaqdi l-funzjoni ta' *maintenance manager* ma' CGL.

57. Tassew, Ronnie Caruana, li kien jaħdem ma' CGL bħala *chef*, fisser li meta huwa ra li l-magna baqgħet xorta waħda ma taħdimx sewwa *«bdejt naqta' qalbi [u] kont għaddejt kollox lil maniġer ieħor konċernat u li kien jikkomunika miegħu hu»* (ara x-xhieda ta' Ronnie Caruana f'paġna 42 tal-atti tal-kawża).

58. Hekk ukoll, Chris Vassallo, li kien id-direttur ta' CGL, ikkonferma li huwa qatt ma kien involut b'mod dirett fid-diskussjonijiet ma' Joseph Portelli. Fil-fatt għall-mistoqsija: *«Inti minn Baketech kellimt lil xi ħadd?»,* Vassallo wieġeb ċar u tond: *«Jiena personali le; mhux xogħli. Għandna maintenance manager...Kenneth Cutajar dak iż-żmien»* (ara x-xhieda ta'

Chris Vassallo, f'paġna 59 tal-atti tal-kawża).

59. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt innifsu li la Ronnie Caruana u lanqas Chris Vassallo ma kienu involuti b'mod dirett fit-taħdidiet ma' Joseph Portelli dwar l-allegat ftehim ta' rimpjazzament, iwassal biex ix-xhieda ta' dawn ma tistax raġonevolment twaqqa' dik ta' Joseph Portelli. Dan għaliex filwaqt li min-naħa 'l waħda, Portelli xehed dwar dak li ddiskuta hu stess, min-naħa l-oħra Caruana u Vassallo setgħu xehdu biss fuq dak li x'aktarx saru jafu mingħand ħaddieħor, u mhux fuq dak li saru jafu huma b'mod dirett.

60. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li parti f'kawża li jkollha fuq spallejha l-piż tal-prova, hija mistennija li tressaq l-aħjar prova li setgħet iġġib fiċ-ċirkostanzi (ara l-**Artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Fil-fehma tal-Qorti, l-aħjar prova li Vassallo Group Realty Limited setgħet iġġib dwar id-diskussjonijet li kien hemm mar-rappreżentanti ta' Baketech, kienet billi tressaq lil Kenneth Cutajar bħala xhud f'din il-kawża, u dan għaliex, kif ingħad, kemm għal Ronnie Caruana kif ukoll skont Chris Vassallo, Cutajar kien il-persuna li kien involut b'mod dirett fil-kwistjoni u n-negozjati ma' Baketech.

61. Għar-raġunijiet li taf hi biss, Vassallo Group Realty Limited baqgħet però ma ressqitx lil Cutajar sabiex jixhed f'din il-kawża, u dan minkejja li

niżżlet ismu bħala wieħed mix-xhieda tagħha fir-rikors maħluf. Wisq inqas ma fissret għalfejn ma ħarrkitx lil Cutajar biex jixhed f'din il-kawża.

62. Għalkemm ma jistax jitħalla barra l-fatt li Cutajar kien ittella' jixhed fil-kawża bin-numru 11/2014AF, u li x-xhieda f'dik il-kawża tgħodd ukoll għal dawn il-proċeduri[1], madankollu x-xhieda ta' Cutajar f'dik il-kawża hija wisq sajma mid-dettall u għal din il-Qorti, mhijiex biżżejjed biex twaqqa' dak li xehed Joseph Portelli f'din il-kawża. Żbaljat għalhekk Vassallo Group Realty Limited li ma ressqitx lil Cutajar bħala xhud tagħha f'din il-kawża, u dan speċjalment meta hija kienet taf sewwa x'kienet sejra tkun il-pożizzjoni ta' Baketech (ara l-ħames premessa tar-rikors maħluf).

63. Fil-fehma tal-Qorti, l-unika xhud li f'din il-kawża pprova jmeri b'ċertu insistenza dak li xehed dwaru Joseph Portelli, kien Chris Vassallo. Għal din il-Qorti, Vassallo mhuwiex però xi xhud li l-Qorti tista' sserraħ wisq fuqu, u dan għaliex f'xi drabi, ix-xhieda tiegħu mhijiex preċiża, u saħansitra hija kontradittorja ma' ċertu mill-provi ta' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) stess.

64. Pereżempju, huwa u jixhed fil-kontroeżami, Vassallo qal għal aktar minn darba li Portelli kien ġabar lura miegħu l-magna li CGL kienet oriġinarjament xtrat mingħand Baketech u li ma sabithiex tajba għall-

---

[1] B'digriet tal-21 ta' April, 2017, l-atti tal-kawża bin-numru 11/2014AF ġew mehmuża mal-atti ta' din il-kawża.

ħtiġijiet tagħha (ara l-kontroeżami ta' Chris Vassallo f'paġna 259 tal-atti tal-kawża). Mill-kopja taċ-ċedola ta' depożitu, li CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) ressqet fl-atti tal-kawża, jirriżulta però iswed fuq l-abjad, li dan mhuwiex minnu, anzi jirriżulta proprju bil-maqlub, u sewwasew li dik il-magna kien għadha fil-pussess ta' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) minn tal-inqas sal-jum tat-30 ta' Ġunju, 2016, li hija d-data tal-jum li fih it-tali magna ġiet mgħoddija għand il-kunsinnatarju (ara d-dikjarazzjoni tal-kunsinnatarju Victor Zahra, f'Dok X, mehmuż maċ-ċedola ta' depożitu, f'paġni 99 sa 101 tal-atti tal-kawża).

65. Wara kollox, anke mis-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti stess ma dehrilhiex li kellha toqgħod għalkollox fuq il-kelma ta' Chris Vassallo, u dan speċjalment f'dik il-parti tax-xhieda tiegħu li fiha huwa saħaq li l-ftehim bejn CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) u Baketech kien fis-sens li kellu jkun hemm rimpjazzament tal-magna oriġinarjament mibjugħa lil CGL, b'oħra ġdida u dan mingħajr ħlas addizzjonali.

66. Għalkemm min-naħa 'l waħda, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti sa fejn din ma aċċettatx it-teżi ta' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited), li r-rimpjazzament kellu jsir mingħajr ħlas addizzjonali, min-naħa l-oħra, iżda l-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tikkonkludi li kien hemm xi ftehim ta' rimpjazzament konkluż bejn CGL

(illum Vassallo Group Realty Limited) u Baketech.

67. Tassew, huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li sakemm ma jirriżultax li l-partijiet ikunu qablu li jirriżervaw ċerti aspetti minn ftehim għall-futur, ir-rabta kuntrattwali tista' titwieled biss jekk ikun hemm qbil dwar l-elementi kollha tal-ftehim, kemm dawk prinċipali, sekondarji, kif ukoll dawk aċċessorji (ara ***Mercury plc v. Persona Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 2024 u ***Falcon 2000 Limited v. Dr. Vincent Galea noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-24 ta' Ġunju, 2011).

68. F'dan il-każ kien jaqa' fuq spallejn CGL (illum Vassallo Group Realty Limited), bħala l-parti attriċi f'din il-kawża, li tipprova li hija kienet qablet ma' Baketech li tirriżerva dik il-parti tal-ftehim, dwar kemm kellu jkun il-ħlas, għall-futur. CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) mhux talli ma ressqitx din il-prova, anzi saħansitra qiegħda teskludi għalkollox li kien hemm riżerva ta' dik ix-xorta, u dan billi għadha tisħaq s'issa, li hija ma kellha toħroġ l-ebda flus.

69. Ġaladarba ma jirriżultax li l-partijiet kienu ftehmu dwar kemm kellu jkun il-ħlas addizzjonali, u fl-istess waqt, mhuwiex il-każ li l-partijiet qablu li jirriżervaw il-ftehim dwar dak il-ħlas addizzjonali għall-futur, il-Qorti ma tistax ma tasalx għall-konklużjoni li 'l-ftehim' li CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) ressqet il-kawża dwaru ma kienx konkluż, u

konsegwentement ma setax jitqies li jikkonsisti f'rabta kuntrattwali li għaliha CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) setgħet tressaq ix-xorta ta' talbiet li ressqet.

70. Sfiq ma' dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-fatt waħdu li Baketech ma kinitx lesta li taċċetta li tbiddel il-magna ta' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited), sakemm ma titħallasx tad-differenza fil-valur, filwaqt li min-naħa l-oħra, CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) qiegħda tippretendi li ma kellhiex tħallas id-differenza fil-valur, juri li f'dan il-każ, ma seta' qatt kien hemm xi forma ta' aċċettazzjoni li kienet konformi mal-proposta jew kontroproposta.

71. Kif tifhimha din il-Qorti, it-tieni biċċa tal-ewwel kap tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata (li Vassallo Group Realty Limited ma appellatx minnha) hija l-aqwa xhieda tal-fatt li l-proposta jew kontroproposta ta' CGL għall-bdil tal-magna oriġinarjament mibjugħa lilha b'oħra ġdida, mingħajr l-ebda ħlas addizzjonali, ma ġiet qatt aċċettata minn Baketech. Fiha nfisha, din hija raġuni oħra għalfejn ma jistax jingħad li kien hemm xi forma ta' ftehim konkluż bejn il-partijiet li tiegħu CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) setgħet titlob it-twettiq.

72. Fl-aħħar nett, u sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti hija wkoll tal-fehma, li l-fatt waħdu li l-ftehim dwar il-bejgħ tal-makkinarju, inkluż tal-

magna li CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) qiegħda tilmenta dwarha, sar bil-kitba, juri li l-partijiet kienu oriġinarjament ftehmu li jniżżlu bil-miktub dak li jkunu qablu dwaru bil-fomm. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti jidhrilha li ġaladarba l-partijiet, li huma negozjanti u li għalihom japplika l-**Kodiċi tal-Kummerċ**, ma niżżlux bil-miktub dak li Vassallo Group Realty Limited qiegħda issa tqis bħala «*ftehim*», ikompli juri kif dan il-ftehim qatt ma ġie ssiġillat, u dan anke wkoll għaliex hawnhekk għandha tapplika bis-sħiħ il-preżunzjoni *iuris et de iure* li hemm fl-**Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ**.

73. Dan l-artiklolu jgħid li jekk il-partijiet ikunu ftehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-mitkub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità. Dan ifisser illi, «*qabel ma tiġi ffirmata l-iskrittura ma jistax jingħad illi l-ftehim hu perfett*» (ara ***Neguzjant Joseph Stellini nomine v. Neguzjant Salvatore Debono*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru 1942).

74. Il-Qrati tagħna kemm-il darba tennew li meta jirriżulta illi l-partijiet riedu jirrediġu ftehim tagħhom bil-miktub hemm preżunzjoni *iuris et de iure* illi din il-forma kienet meħtieġa *ad validitatem*. Hekk pereżempju fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Giuseppe Vella Gatt et v. Giuseppe Darmanin et***, Appell Kummerċjali tat-23 ta' Novembru 1956, intqal illi l-**Artikolu 114 tal-Kodiċi tal-Kummerċ,** «*joħloq presunzjoni fis-sens illi meta ftehim verbali*

*jsir bl-intiża li għandu jiġi redatt bil-miktub, u l-iskrittura mbagħad ma ssirx, il-ftehim mhux validu; għax meta ġie miftiehem illi l-ftehim verbali kellu jiġi mniżżel bil-miktub, hu preżunt li l-partijiet riedu jassoġġettaw il-validità tal-ftehim għat-tħaris ta' dik il-formalità.*» Fl-istess deċiżjoni ssokta jingħad fuq it-tagħlim awtorevoli tal-***Vivante*** u tal-ħsieb riċerkat mid-dibattiti parlamentari (Vol. 21 tas-sena 1932 – 33), illi «*l-presunzjoni mhix iuris tantum imma iuris et de iure, u hija intiża biex tipprevedi u tiddirimi l-kwestjonijiet fil-kummerċ, u għalhekk tipprevjeni l-kawżi, b'mod li dik il-preżunzjoni ma tistax titwaqqa' bi provi testimonjali*» (ara wkoll fuq dan is-suġġett is-sentenzi ***Mermaid Media Entertainment Limited v. Go plc*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju 2010 u ***Robert Pace Bonello et v. Malta Hotels and Restaurants Association*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-21 ta' Mejju 2010).

75. L-ewwel aggravju ta' Baketech jirriżulta għalhekk li huwa mistħoqq u billi l-azzjoni ta' CGL (illum Vassallo Group Realty Limited) hija msejsa fuq ftehim li jirriżulta li ma kien ftehim xejn, dan għandu jkun biżżejjed biex iwassal għat-tħassir tas-sentenza appellata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell ta' Baketech Supplies & Services Limited, u b'hekk tħassar is-

sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' April 2019, u minflok tiċħad it-talbiet kollha tal-kumpanija attriċi Vassallo Group Realty Limited.

L-ispejjeż kollha tal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti għandha tagħmel tajjeb għalihom il-kumpanija attriċi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jinqasmu hekk: sehem ta' kwart jitħallas minn Baketech Supplies & Services Limited; u sehem ta' tliet kwarti jitħallas minn Vassallo Group Realty Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss